**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 96/23 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**
**vs**
**Dylan Agius**

**Illum15 ta' Frar, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Dylan Agius ta' 27 sena, iben Paul u Maria Dolores nee` Azzopardi, imwieled Pieta' nhar it-22 ta' Settembru 1995, u residenti gewwa 13, Qalb ta' Gesu`, Triq l-Imdina, Naxxar, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0416395M

Akkuzat talli:

1. Bejn il- granet ta' l- 14 ta' Jannar 2023 u l- 15 ta' Jannar 2023 f'diversi hinijiet u postijiet differenti f'dawn il-Gzejjer Maltin bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lill-eks siehba tieghu u cioe' **Jade Russell** kontra l-volontà tagħha

2. Nhar l- 01 ta' Frar 2023 f'diversi hinijiet u postijiet differenti f'dawn il-Gzejjer Maltin bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lill-eks siehba tieghu u cioe' **Jade Russell** kontra l-volontà tagħha

U aktar talli nhar l- 01 ta' Frar 2023 u fil-jiem, granet u gimghat ta' qabel f'diversi hinijiet u postijiet f'dawn il-Gzejjer;

3. Ikkaġuna lill- eks siehba tieghu u ċioe' **Jade Russell**, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xihadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha

U aktar talli bejn l- 14 ta' Jannar 2023 u l- 15 ta' Jannar 2023 f'diversi hinijiet gewwa x- Xghajra

4. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lill-eks siehba tieghu, u cioe' **Jade Russell** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni

5. Ħebb għall- eks siehba tieghu **Jade Russell** sabiex jinġurjaha, iddejjaqha jew jagħmlilha ħsara b'xi mod

U aktar talli nhar l- 01 ta' Frar 2023 f'diversi hinijiet u postijiet differenti f'dawn il- Gzejjer Maltin:

6. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lill-eks siehba tieghu, u cioe' **Jade Russell** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni

7. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġieghel lill-eks siehba, u cioe' **Jade Russell** taghmel xi ħaġa jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama, jew ghamel użu ieħor mhux xieraq bih

*8.* Saq il-vettura ta' għamla Toyota Proace bin-numru ta' reġistrazzjoni ILY242 b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont

9. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill- Imhallef Dott. Edwina Grima LL.D., f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi **Dylan Agius** u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 10,000 (ghaxart elef) euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Dylan Agius** a benefiċju ta' **Jade Russell** u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Rat ukoll it-talba illi f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' **Jade Russell** kif jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Dylan Agius** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil **Dylan Agius** b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Finalment rat ukoll it-talba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi **Dylan Agius** sabiex ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Frar 2023, sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi; u

Rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 86, 202(h)vi) 87(l)(h), 202(h)(i)(vi), 251B, 251H(a)(b), 251HA, 202(h)(vi), 339(l)(e), 339(1)(d), 579(2), 579(2)(3), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta datata 15 ta' Frar 2023 l-imputat irreġistra ammissjoni għal dik li tirrigwarda d-disa' (9) imputazzjoni u wara li l-imputat ngħat żmien opportun biex ikun jist' jirregola ruħħu, huwa wara li reġa' ġie mistoqsi mill-Qorti ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Illi għal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet l-ohra kollha salv id-disa' (9) imputazzjoni l-prosekuzzjoni ma rnexxieliex ittellgħa provi biżżejjed sal-grad rikjest mil-liġi biex il-Qorti ssib il-ħtija.

Kwantu jirrigwarda d-disa' (9) imputazzjoni l-Qorti m'għandiex triq oħra għajr li ssib lill-imputat ħati u dan in vista ta' l-ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputat Dylan Agius. Iżda għal dak li jirrigwarda l-piena li għandu jingħata l-imputat il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni mogħtija mill-imputat fi stadju bikri ħafna ta' dawn il-proċeduri.

**Decide:**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 86, 87, 202, 251B, 251H, 251HA, 339(1)(e), 339(1)(d), 49(a)(b)(c), 15(1)(a), 579(2) u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fuq ammissjoni ta' l-imputat Dylan Agius, issibu ħati tad-disa' (9) imputazzjoni, ma ssibux ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha stante nuqqas ta' provi, tikkundannah għal perjodu ta' erba' (4) xhur priġunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijie tta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' sena mil-lum.

Il-Qorti mhux qed tordna l-konfiska tad-depożitu.

Il-Qorti spjegat lill-ħati Dylan Agius il-portata ta' din is-sentenza ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**